# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 18**

**Citaz. numru 1412/95 AJM**

**Perit Arkitett Joseph Xuereb u martu Dolores**

**vs**

**Alexandra Borg Olivier, Peter Borg Olivier, Angela Simonds, Jean Paul Borg Olivier, in-Nutar Paul Pullicino ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Avukat Dottor Alexander Borg Olivier**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti bis-segwenti att ta' citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili :-

"Il-Qorti,

L-atturi wara li ppremettew li l-konvenuti inkarigaw lill-attur sabiex jirrendi servigi professjonali ta' perit arkitett in konnessjoni ma' xogholijiet ta' bini fuq sit f'San Pawl il-Bahar, fil-present okkupat mid-dar, garage u gonna bin-numri 27 u 27A gia' 6 u 6A ; illi sabiex jezegwixxi dan l-inkarigu l-attur wara li ha l-istruzzjonijiet tal-konvenuti, hejja l-iskizz tad-disinji, ghamel stima approssimattiva tal-ispiza, issottometta applikazzjoni ghall-permessi mehtiega (PA 1987/90) u hejja disinji u specifikazzjonijiet tax-xoghol ; illi l-attur baqa' jippresta s-servigi professjonali tieghu sakemm, fit-2 ta' Novembru 1993 l-konvenuti abbandunaw lill-attur bhala perit arkitett taghhom wara li hu kien gja' irrenda s-servigi professjonali fuq imsemmija. Fil-fatt ix-xogholijiet tal-bini ma sarux u l-konvenuti bieghu l-proprjeta' lill-terzi ; illi ghalhekk l-attur ghandu d-drittijiet professjonali skond kif jiddisponi l-paragrafu hdax (11) tat-Tariffa K mehmuza mal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bir-rata zewg zewg terzi ta' 6% fuq l-istima tal-ispiza relattiva ; illi l-ispiza approssimattiva kif mahduma mhejjija mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti kienet ta' Lm123,603 (mija u tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tlett liri) ; illi ghalhekk skond il-precentwali fuq indikata l-ammont dovut lill-attur ghas-servizz professjonali tieghu jammonta ghal Lm4944 ; illi l-konvenuti interpellati sabiex ihallsu din is-somma baqghu inadempjenti ; talab li din il-Qorti :-

1. tiddikjara illi l-konvenuti in solidum huma responsabbli ghal hlas tas-servigi prestati mill-attur relattivi ghas-sit f'San Pawl il-Bahar, Triq San Pawl il-Bahar okkupat mid-dar, garage u gonna bin-numri 27 u 27A, gia' 6 u 6A;

2. tikkundannahom solidarment sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm4944 ghar-ragunijiet premessi."

## ECCEZZJONIJIET

Il-konvenuta Alexandra Borg Olivier eccepiet illi t-talba tal-atturi kellha tigi michuda peress illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-inkarigu u l-ftehim allegat mill-atturi qatt ma gie ffinalizzat u maghmul minnha jew minn xi persuna ghan-nom taghha mal-atturi. Il-konvenuti Jean Claude Borg Olivier u Peter Borg Olivier f'ismu stess u ghan-nom u in

rapprezentanza tal-assenti Avukat Dottor Alexander Borg Olivier, kif ukoll tal-konvenuta Angela Simmonds ressqu l-istess eccezzjoni.

**DECIDE**

B'sentenza tal-5 ta' Ottubru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talba attrici, izda fic-cirkostanzi ordnat li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "L-attur f'dawn il-proceduri qed jitlob li bhala Perit Arkitett inkarigat mill-konvenuti in konnessjoni mal-izvilupp ta' proprjeta' tal-konvenuti f'San Pawl il-Bahar, jigi akkordat minn din il-Qorti is-somma ta' Lm4944 rappresentanti zewg terzi mid-drittijiet tieghu skond il-paragrafu 11 tat-Tariffa K tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u dana in kwantu gie abbandunat mill-konvenuti kif tistipula l-istess Tariffa.
>
> Il-paragrafu 11(1)(b) tat-Tariffa fuq imsemmija jghid li jekk progett imsemmi fil-paragrafu precedenti jew parti minnu jkun abandunat jew jekk l-arkittt jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-klijent "wara li l-arkitett ikun ha l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, ghamel stima approssimattiva ta' l-ispiza, ssottometta applikazzjonijiet ghal licenzji ghal bini u/jew licenzji ohra, u pprepara disinji u specifikazzjonijiet tax-xoghol id-dritt (tieghu) ghandu jammonta ghal zewg terzi (2/3) tad-dritt specifikat fil-paragrafu 10".
>
> Il-paragrafu 10 jispecifika li ghax-xogholijiet kollha fuq imsemmija jekk l-ispiza tax-xoghol maghmul jeccedi Lm1,000 (u fil-kaz in ezami kif jirrizulta fl-atti tal-kawza dan ix-xoghol kien ser ikun ta'

valur ferm ghola minn Lm1,000) id-dritt tal-perit ghandu jkun stmta bir-rata ta' 6% ta' l-ispiza.

Il-konvenuti da parti taghhom qed jikkontestaw din it-talba in kwantu jghidu li l-inkarigu u l-ftehim allegat mill-attur qatt ma gie ffinalizzat u maghmul minnhom jew minn xi persuni ghan-nom taghhom.

Fil-qosor il-qofol tal-kontestazzjoni hija n-natura tar-relazzjoni li nholqot bejn il-kontendenti fil-mument li sar l-ewwel inkontru. Filwaqt li l-attur isostni li huwa gie mqabbad bhala perit biex jiehu hsieb l-izvilupp ta' progett edilizzju u ghalhekk inholqot relazzjoni ta' perit/klijent kif stipulat fit-tariffa fuq imsemmija, l-konvenuti, jew almenu l-ahwa Dr. Alexander u Perit Borg Olivier, inkwantu l-konvenuti l-ohra qatt ma kienu direttament involuti fid-diskors, isostnu li qatt ma kien hemm din ir-relazzjoni u l-uniku skop li marru ghand l-attur kien biex jinvestigaw l-possibilita' ta' "joint venture" in kwntu huma la kellhom l-esperjenza in materja u lanqas il-kapital necessarju biex iwettqu dan il-progett.

Mhux kontestat li l-attur ghamel skizzijiet ta' disinji, stima approssimattiva u applika ghal permess relattiv. Inoltre kien ukoll jikkorrispondi mal-Antiquities Board meta dan il-Bord qajjem certa oggezzjonijiet ghall-izvilupp tal-proprjeta' in kwistjoni. Dan is-servizz moghti mill-attur izda mhux necessarjament prova, per se, tal-inkarigu lilu bhala perit. Jista' wkoll jindika l-interess li kellu l-attur qua developer futur tal-progett. Wiehed hawn irid izomm quddiem ghajnejh zewg affarijiet. Minn naha l-wahda ghandna lill-konvenuti proprjetarji ta' fond bi potenzjal qawwi ghall-izvilupp izda minghajr l-icken konoxxenza ta' kif imorru l-affarijiet biex din il-proprjeta' tirrendi l-massimu taghha u anke minghajr il-mezzi biex dan il-progett jigi zviluppat. Minn naha l-ohra u cioe' da parti ta' l-attur, hemm persuna professjonali, intiza minn progetti simili, sew minhabba l-professjoni taghha sew minhabba l-konnessjoni taghha ma' socjeta' edilizzja bi potenzjal li tiehu taht idejha progett simili.

Mill-provi prodotti jirrizulta li hemm konflitt serju bejn dak li qed jghid l-attur u dak li qed isostnu l-konvenuti dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom. Ghalhekk tinholoq kwistjoni ta' kredibilita' u l-Qorti trid bilfors fuq din il-bazi tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Minn ezami tal-provi prodotti kif ukoll tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti din il-Qorti hija tal-fehma li t-tezi tal-konvenuti hija l-aktar wahda kredibbli. Dan minhabba s-segwenti konsiderazzjonijiet :-

1. L-ewwel inkontru li sar bejn l-attur u Peter Borg Olivier u cioe' dak tal-5 ta' Awissu 1989 kien organizzat minn iben l-attur cioe' Michael Xuereb.

2. Kemm l-attur u ibnu jghidu li dakinhar ta' dan l-ewwel inkontru Peter Borg Olivier kien wera x-xewqa li jinkariga lill-attur bhala perit tal-progett. Il-konvenuti jikkontestaw din l-allegazzjoni u jghidu li dejjem kienet l-intenzjoni taghhom u hekk urew ix-xewqa, li ssir forma ta' "joint venture".

3. L-ahwa Borg Olivier attiraw l-attenzjoni ta' l-attur li huma ma kellhomx il-fondi biex jidhlu ghal dan il-progett u lanqas l-esperjenza. Fil-laqgha mal-attur giet investigata l-possibbilita' li tidhol ghall-progett s-socjeta' S.C. Xuereb Ltd. L-attur jaqbel ma' din l-asserzjoni. Izda filwaqt li l-attur jghid li s-socjeta', li mhix developer, kienet tkun involuta bhala kuntrattur krmm-il darba l-"work load" u l-prezzijiet kienu jippermettu, l-konvenuti jsostnu li l-involviment ta' din is-socjeta' kellu jkun aktar relevanti u cioe' li tiehu "over" il-progett u tohrog il-fondi mehtiega ghall-izvilupp filwaqt li huma jikkontribwixxu l-art.

4. Il-konvenuti qatt ma kellhom l-intenzjoni li jizviluppaw huma stess il-proprjeta'. Dan principalment minhabba nuqqas ta' fondi u esperjenza. Infatti anke matul id-diskussjonijiet ma' l-attur kienu qed izommu diskussjonijiet simili ma' "developer" iehor. Finalment meta l-konvenuti raw li kien hemm problemi ma' l-awtoritajiet, spiccaw biex bieghu l-fond lil terzi minghajr rizerva ta' partecipazzjoni.

Hija prassi normali fil-kamp edilizzju, li minhabba n-natura tieghu jehtieg esperjenza vasta fis-sengha ta' kostruzzjoni kif ukoll il-fondi rilevanti, li persuni bi proprjeta' kapaci ghall-izvilupp, u minghajr din l-esperjenza u fondi, jfittxu socji intizi fil-materja u bi fondi sufficjenti, bli skop li jkabbru kemm jista' jkun il-profitt taghhom. Il-Qorti tifhem li kienet proprju din is-sitwazzjoni tal-konvenuti. Dawn infatti dejjem insistew fix-xhieda taghhom f'dan is-sens. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur, konxju tal-problemi, partikolarment finanzjarji tal-konvenuti, seta' assuma li dawn kienu qeghdin jinkarigawh bhala perit biex "huma" (cioe' l-konvenuti" jizviluppaw l-proprjeta' minn jgheddhom. Dawn qatt ma setghu u qatt ma kienet l-intenzjoni taghhom li jaghmlu dan.

Hija sfortuna li d-diskussjonijiet inzammu bejn proprjetarji ta' fond u Perit Arkitett u mhux bejn proprjetarji ta' fond u "developer" cioe' kuntrattur billi dan il-fatt johloq aktar konfuzjoni dwar ir-rabta' ta' bejn il-kontendenti. Izda wiehed irid jiftakar li l-attur ma ghandux biss il-libsa ta' Perit izda huwa wkoll socju u direttur ta'

socjeta' edilizja ta' certa rilevanza. Kienu ghalhekk skuzati l-konvenuti li johduha "for granted" li qed jitkellmu ma' "develop" u mhux semplicement ma' perit arkitett. Kieku l-attur ma kellux din il-konnessjoni qawwija mas-socjeta' S.C. Xuereb Ltd, forsi l-posizzjoni kienet tkun differenti.

Issa r-relazzjoni li tinholoq bejn individwu u professjonista sabiex dan jaghti s-servizzi tieghu, tehtieg bilfors l-konkors tal-vonontajiet tal-partijiet. Jekk parti tkun qed tahseb mod u parti ohra tkun qed tahseb mod iehor dak il-konkors qatt ma jkun jezisti u l-kuntratt li jorbot il-partijiet ma jissistiex. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tara li ma kien hemm ebda inkarigu mill-konvenuti fil-konfront tal-attur sabiex dan jippresta s-servizzi tieghu bhala perit."

**APPELLI**

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi b'mod principali fuq il-mertu kollu waqt li l-konvenuti appellaw incidentalment fuq il-kap tal-ispejjez.

**L-APPELL PRINCIPALI**

L-aggravju tal-appellanti hu qabel xejn imsejjes fuq il-kostatazzjoni illi bhala fatt l-attur kien irrenda servizzi ta' perit. Dan kien jirrizulta abbondantament mill-provi ghaliex ix-xoghol li gie minnu ezegwit kien prettament wiehed professjonali kif seta' jigi kkostatat mill-pjanti ezebiti minnu, mill- bl-applikazzjoni tal-permessi maghmula u mill-korrispondenza mad-diversi dipartimenti. L-appellanti infatti jelenkaw x'inhuma d-doveri ta' perit meta jinghata inkarigu biex jiehu hsieb il-kostruzzjoni ta' bini u jaslu ghall-konkluzjoni illi x-xoghol kollu illi hu jafferma li jaghmel kien jissubentra f'dawn il-parametri illi, li kieku ma

kienx ghal kontestazzjoni partikolari tal-konvenuti, kienu certament jikkwalifikaw bhala servizzi prestati mill-perit. Dan l-aggravju pero' ftit li xejn jista' jigi sostnut wahdu ghaliex il-kwistjoni ma hijiex jekk l-attur kienx jew le ezegwixxa x-xogholijiet illi huwa qed jippretendi li ghamel. Dan mill-provi hu abbondantement stabbilit kif hi wkoll stabbilita lil hinn minn kull dubbju l-kompetenza professjonali tal-attur. Il-problema di fondo hi allura mhux jekk kienux jew le gew ezegwiti dawn ix-xogholijiet in konnessjoni ma' proprjeta' li kellha tinbena fuq is-sit li kien jappartjeni lill-konvenuti imma jekk kienx hemm rejalment l-inkarigu da parti tal-konvenuti illi jqabbdu lill-attur bhala l-perit b'inkarigu illi jezegwixxi u jippresta s-servizzi professjonali li effettivament ezegwixxa u presta. Gustament l-istess appellanti jidentifikaw allura din il-kontestazzjoni f'investigazzjoni dwar x'kien precizament il-vinkolu guridiku bejn l-attur u l-konvenuti. Ghandu jigi precizat li l-azzjoni kollha kemm hi hi bbazata unikament fuq kawzali wahda, dik cioe' illi kienu l-konvenuti li nkarigaw lill-attur sabiex jirrendi servigi professjonali ta' perit arkitett in konnessjoni max-xogholijiet ta' bini fuq is-sit proprjeta' tal-konvenuti.

L-atturi allura kellhom jipprovaw din il-premessa ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Jekk ifallu f'dan l-oneru, l-azzjoni taghhom, kif proposta, tfalli. L-appellanti jsostnu t-tezi taghhom illi r-relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenuti kienet strettament dik ta' klijent u perit. It-tezi taghhom hi pero' kontestata b'sahha mill-konvenuti illi jikkontrastaw din il-verzjoni tal-atturi fuq zewg binarji. Jissottomettu illi ghalihom kien hemm

relazzjoni ta' hbiberija bejniethom u li l-attur kien indahal biex jassistihom f'materja li fiha huma ma kienu jifhmu assolutament xejn ta' kif jizviluppaw proprjeta'. Hu ghenhom bl-applikazzjoni ghall-permessi minghand l-awtoritajiet kompetenti biex ikunu jistghu jinnegozjaw il-proprjeta' imma li huma qatt ma kellhom l-icken hsieb li jaghmlu dan l-izvilupp huma stess billi ma kellhomx il-fondi mehtiega. Apparti dan u meta l-istess attur ikkontesta din l-allegazzjoni u sostna illi ma kienx minnu li hu kien ghamel dak ix-xoghol, kien mar ghand habib tal-familja, anki ghaliex ma jistax jghid li kellu din ir-rabta ta' hbiberija daqshekk mill-vicin, il-konvenuti sostnew f'kull kaz illi l-interessament tal-attur kien gej mill-fatt illi hu kien involut bhala direttur f'socjeta' importanti ta' kostrutturi. Il-konvenuti allura jissottomettu illi l-attur meta gie avvicinat minn uhud minnhom kien ha r-riedni f'idejh u beda jipproponi kif setghet tigi zviluppata l-proprjeta'. Ghamel minn rajh pjanti tal-izvilupp li kien qed jipproponi w ipprokura li jigu sottomessi lill-awtoritajiet applikazzjonijiet ghall-hrug ta' permessi. Dan kollu fl-aspettativa illi eventwalment jekk dawk il-pjani jigu approvati, il-kumpanija tieghu kienet tkun involuta fil-progett ta' certu antita' apparti li hu stess ikun il-perit tieghu.

Dan ix-xoghol pero' skond il-konvenuti, f'kull kaz, l-attur ghamlu mhux ghax kien minnhom inkarigat imma ghaliex ried jassigura illi l-progett jirnexxi. Ried jiffacilita s-sitwazzjoni ghall-konvenuti qua proprjetarji tal-art biex eventwalment jahdem bi shab maghhom bhala zviluppatur

taghha. Skartata l-optzjoni ta' servigi rezi fuq bazi ta' hbiberija semplici anke bl-applikazzjoni tal-principju illi omne labor optat premium, il-Qorti hi rrinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox differenti u kontrastanti. Dik cioe' tal-attur li r-relazzjoni guridika li nholqot kienet wahda semplici ta' perit/klijent u dik sostnuta mill-konvenuti illi dik ir-relazzjoni kienet ta' zviluppatur ma' klijent.

Inoltre f'din l-ahhar ipotesi, il-konvenuti pprospettaw sitwazzjoni mill-aktar plawsibbli u anke probabbli illi l-izviluppatur jaghzel li jaghmel investiment tramite l-prestazzjonijiet professjonali ta' persuna minnu nkarigata biex taghmel xoghol preparatorju, anke ta' certa entita' biex mhux biss juri l-kapacita' tieghu illi jirrejalizza l-progett mal-proprjetarju li mieghu eventwalment ikun ser jidhol bi shab imma wkoll biex jikkreja s-sitwazzjoni fejn il-progett seta' jigi rejalizzat proprju bil-hrug tal-permessi mehtiega. Effettivament l-investiment li jkun ghamel l-izviluppatur ma jkun xejn relatat mal-valur tal-progett propost proprju ghaliex is-servizzi professjonali jkunu jifformaw parti mis-set up tal-istess socjeta' kif jidher li kienu fil-kaz taht ezami.

Dan qed jinghad ghaliex f'relazzjonijiet ta' din ix-xorta, l-prova illi s-sitwazzjoni kienet differenti minn dik li spiss tkun, kienet tinkombi fuq l-izviluppatur u fuq il-perit. Dawn kellhom jissodisfaw lill-Qorti illi ma kien hemm l-ebda rabta bejniethom u li ma kienx il-kaz illi l-perit kien qieghed jagixxi fuq inkarigu jew fl-interess tas-socjeta' li kienet qed

tipprospetta l-possibbilita' li tkun involuta fl-izvilupp prospettat. Dan ix-xenarju kien essenzjalment wiehed ta' apprezzament tal-provi. L-ewwel Qorti infatti kellha quddiemha dawn iz-zewg tezijiet ben distinti u kellha tasal ghall-konvinciment jekk l-atturi kienux jew le sodisfacentement stabbilew permezz tal-provi illi s-servizzi li jirrizulta illi l-attur ippresta kienu effettivament originaw minn relazzjoni guridika ta' perit u klijent kif kien qed jippretendi hu. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi dik il-prova ma kienitx konkluziva. Ma kienitx tali li setghet serenament tinnewtralizza l-verzjoni tal-konvenuti illi f'kull kaz ix-xoghol li jaghmel l-attur ghamlu fl-interess tas-socjeta' li fiha hu kellu partecipazzjoni qawwija u li x-xoghol li jaghmel ma kien qatt mahsub biex iwassal ghall-esekuzzjoni tal-progett da parti tieghu bhala perit jekk mhux wara illi s-socjeta' li taghha kien direttur tkun ikkonkludiet ftehim ta' partecipazzjoni fl-izvilupp mal-konvenuti sidien. Ftehim dan li kien jirrizulta li qatt ma sar. Infatti ghal kull relevanza li jista' jkollu gie provat illi l-proprjeta' ma kienitx giet zviluppata mill-konvenuti bi shab ma' haddiehor. Kienet fil-fatt giet mibjugha lil terzi li eventwalment zviluppawha permezz tal-operat ta' perit iehor.

Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni avanzata mill-appellanti li tista' tikkonvinciha biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti ta' dawn il-fatti. L-aggravju tal-appellanti infatti jikkonsisti f'serje ta' domandi li pprospettaw ipotesijiet bi sforz biex jikkonvincu lill-Qorti illi ma kienx probabbli illi l-attur agixxa bil-mod kif suggerit mill-konvenuti.

Din il-Qorti pero' tifhem illi dak li kkostatat l-ewwel Qorti u li kkonkludiet wara li analizzat il-provi kien ghal kollox plawsibbli. F'kull kaz kien ihalli lok ghal dik l-incertezza sostanzjali illi timmilita favur il-konvenuti bl-applikazzjoni tal-principju illi l-oneru tal-prova kien qieghed fuq min jallega. Onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat. Una volta l-atturi ma kienux jissodisfaw dan l-oneru kienet inevitabbli l-konkluzjoni illi huma ma kienux sodisfacentement ipprovaw l-premessi ghat-talbiet taghhom. Premessi illi kif inghad kienu arginati strettament fl-allegazzjoni illi l-konvenuti kienu nkarigaw lill-attur bhala perit arkitett in konnessjoni ma' xogholijiet ta' bini fuq is-sit de quo. Progett illi kif inghad kien abbondantament car li ma setghu qatt jittraprendu l-konvenuti minhabba nuqqas ta' fondi. Certament mhux wehidhom. Jekk imbaghad tigi prospettata s-sitwazzjoni illi huma setghu kellhom il-hsieb jaghmlu dan bi shab mas-socjeta' kostruttici tal-attur kienet tonqos il-prova illi kien inghata inkarigu dirett da parti tal-konvenuti biex l-appellant jezegwixxi x-xoghol li effettivament ghamel. L-appell principali fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jigi sostnut.

**<u>L-APPELL INCIDENTALI</u>**

Il-konvenuti appellaw incidentalment fuq il-kap tal-ispejjez. Huma jissottomettu illi ma kien hemm l-ebda raguni legalment valida ghaliex l-ispejjez jew parti minnhom kellhom ibatuhom il-konvenuti. Ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' dritt involuta u una volta l-mertu si tratta

verament ta' kwistjoni ta' allegat kreditu w l-prova tieghu, ma kienx hemm lok li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez. Anki hawn pero' din il-Qorti jidhrilha illi fid-determinazzjoni tal-kap tal-ispejjez, l-ewwel Qorti kellha taghmel apprezzament dwar kif kellhom jigu evalwati l-fatti biex tasal ghall-kostatazzjoni dwar liema miz-zewg verzjonijiet kienet l-aktar attendibbli. Dak l-apprezzament l-ewwel Qorti ghamlitu wara li semghet ix-xhieda viva voce, wara li ezaminat il-provi prodotti u wara li hadet konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-ewwel Qorti wkoll ikkostatat b'liema mod kienu zviluppaw ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, x'kien iwassal ghar-rottura ta' dik ir-relazzjoni bazata wkoll sa certu punt fuq il-hbiberija u jekk l-attur kellux jew le raguni biex ikun oltraggjat bil-mod kif gie trattat anke jekk ghall-fini ta' negozju u interess mill-konvenuti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni illi anke din il-parti tas-sentenza kellha tibqa' bla mibdula. L-appell incidentali qed jigi ghalhekk respint.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :-

Tichad l-appell principali bl-ispejjez kontra l-atturi. Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Tikkonferma s-sentenza appellata in toto.

Dep/Reg

mg